**Laqgħa Ġenerali Annwali – Gozo Business Chamber**

**27 ta' Frar 2020**

**Barts Medical School, Victoria**

Diskors tal-Konklużjoni
Joseph Borġ

---

Onorevoli Ministru, Sinjuri mistiedna, Membri tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, Ħbieb.

Ringrazjamenti

Kien ta' pjaċir għalija u għal membri tal-Kunsill tal-Kamra nilqgħukom (tant numerużi) hawnhekk il-lejla għal Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Gozo Business Chamber. Sa minn meta twaqqfet għoxrin sena ilu, il-Kamra offriet servizz sħiħ lin-negozji Għawdxin bil-mezzi limitati imma effikaċi tagħha. Fil-bidu ta' din is-sena sellimna lil Presidenti u lil Membri tal-Kunsill illi taw l-kontribut tagħhom b'ħidma sfieqa u diżinteressata. Minn hawn hekk nerġa' nsellem lilhom u lil membri kollha tal-Kunsilli tal-passat u tal-prezent. Grazzi.

Inrodd ħajr lill-Onorevoli Ministru għal Għawdex Dr Justyne Caruana u l-istaff tagħha tas-support kontinwu li dejjem irċevejna. U issa filwaqt illi nagħmel l-awguri tiegħi u tal-Kamra lill-Onorevoli Ministru Clint Camilleri nwegħduħ is-support kollu tagħna f'ħidma fejjieda b'rizq Għawdex tagħna.

Nirringrazzja wkoll lil kollaboraturi tal-Kamra f'Ministeri u entitajiet oħra. Napprezzaw il-kolaborazzjoni ta' kulħadd u fejn hemm l-interess t'Għawdex fin-nofs lilna dejjem ser issibna minn ta' quddiem.

L-iskola ta' Barts

Illum iltqajna f'din l-iskola ta' Barts. Iltqajna hawnhekk bi skop. Skola medika u dak kollu li ġġib magħha ilhom fuq ir-radar tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex għal snin twal. Aħna dejjem emminna li s-saħħa u l-irkuprar mill-mard hija vokazzjoni partikulari tal-Gzira tagħna. Din mhix xi ħaġa tal-lum.

Din is-sena Għawdex (u suppost Malta wkoll) qed jiċċelebra l-mitejn u ħamsin sena mill-mewt ta' l-iben illustri tiegħu Dun Frangisk Agius de Soldanis. Huwa

kien qal, fil-ktieb tiegħu, *Gozo Antico-Moderno e Sacro e Profano Isola Mediterranea adjacente a Malta Africana* tal-1746 li l-klima tal-gzira hija vantaġġjuża għas-saħħa u li l-klima hija aktar favorevoli għas-saħħa minn partijiet oħra ta' Malta. Kien semma wkoll li ħafna Maltin kienu jaqsmu għal-Għawdex bil-mard fuqhom u jfiequ malajr. Awtur aktar riċenti certu Thomas MacGill kiteb fl-1839 fil-ktieb a *Handbook or Guide for Strangers Visiting Malta*, ktieb li jgħid li kien "the first work in English, which has been published by the Free Press in Malta" jikteb li "the climate of Gozo is remarkably healthy" u "The physicians of Malta, recommend the fine climate of Gozo, to people in delicate health".

Il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex dejjem ipproponiet is-settur tas-saħħa bħala wieħed mill-oqsma li għandu jiġi mħaddem għal żvilupp sostenibbli tal-gżira tagħna. Wara itinerarju missielet u għax kien hemm rieda soda, l-iskola ta' Barts issa qegħdha fil-gżira tagħna...kif qed jgħidu ħafna...waħda mill-aqwa skejjel tan-natura tagħha fil-Mediterran u fl-Ewropa. Biex taħdem aktar kif suppost għandna bżonn sptar ġdid li jkun jilqa fih aktar pazjenti. L-iskola ta' Barts għandha bżonn dan l-isptar u Għawdex ukoll għandu bżonn dan l-isptar. Mhux biss Għawdex għandu bżonn dan l-isptar imma anke Malta għandha bżonn sptar iehor. Ejjew inkomplu nsostnu, kif għamilna s'issa, li l-ħtiġijiet t'Għawdex jitolbu dan l-iżvilupp u niġbdu ħabel wieħed bħala Għawdxin ħalli l-pjanijiet tagħna jibqgħu jitwettqu.

Il-Mina

Il-Gozo Business Chamber kienet mill-bidu nett il-promotur ewlieni tal-proġett tas-Subsea Tunnel bejn Għawdex u Malta. Bdejna għoxrin sena ilu, anke ftit qabel it-twaqqif ta' l-istess kamra inħambqu dwar il-bżonn ta' diskussjoni dwar konnessjoni permanenti bejn iż-żewġ gzejjer, xi ħaġa li kienet qed tiġi diskussa ġa fil-pajjiż, ħamsin sena ilu. Imbagħad ftit anqas minn għaxar snin ilu ipproponejna b'mod konkret kif din l-ideja setgħet titlaħħam, bil-proposta tas-Subsea tunnel. Proposta li dehrilna li tista' tkun ekonomikament fattibbli. L-ewwel reazzjonijiet kemm tal-amministrazzjoni preċedenti, kif ukoll ta' din l-amministrazzjoni kienu ta' perplessita' u mimlija negattivita'. B'paċenzja kbira iddiskutejna u kkonvincejna.

Ukoll, minkejja li konna ftaħna d-diskussjoni ma' firxa wiesa tal-pubbliku kemm Għawdex kif ukoll Malta donnu ħadd ma kien nizzilha li l-proġett, li issa għandu l-appoġġ taż-żewġ naħat tal-kamra u li fuq kollox qiegħed fil-programm elettorali taż-żewġ partiti l-kbar, setgħa minn wegħda isir rejalta'. Illum meta

ħafna qed jirrealizzaw li dan jista' jiġri, min b'mod ċar u b'min mod aktar sottili, qed jippruvaw jimminawħ.

Dan l-aħħar Il-Malta Chamber of Commerce dehrilha li fil-viżjoni ekonomika tagħha għal ħames snin li ġejjin tipproponi lil Gvern disa u ħamsin punt. Dawn huma kollha proposti aktarx pożittivi barra waħda...ovvjament din tikkonċerna lil Għawdex...iridu lil Gvern jerġa jaħsibha u jwaqqaf il-proġett tal-mina. U x'inhi l-proposta? Isegwu lil professuri minn Għawdex stess u jipproponu metro u jien ngħid '*tounge-in-cheek*' jgħidu '*in reasonable time frames'*. X'inhuma *reasonable time frames*?...inkunu mitna aħna u jkun miet Għawdex magħna. Fil-garigor ta' moħħhom l-iżvilupp sostenibbli u *smart* għandu jieqaf iċ-Cirkewwa. L-istess titlu jikxifhom...*Smart and sustainable island*...mhux *smart and sustainable islands*.

Sfidi ġodda

L-isfidi li jħabbat wiccu magħhom il-*business* f'Għawdex huwa l-interess prinċipali tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex. Għawdex minnu nnifsu ġa jippreżenta sfidi ġejjin mill-biċċa baħar li hemm bejn il-gzejjer. Imma mhux biss. Is-suq f'Għawdex huwa żgħir u kif ngħidu għall-kull għadma hawn mitt kelb, kompetizzjoni sfrenata f'kollox. Li jdejjqek, li jiddiżappuntak, li jfixklek huwa meta jiġri każ bħalma ġara fil-Karnival li għadda. Fil-gżira ta' Malta, it-taxis tal-Y plate għaddejjin kuljum *galore*. Għawdex ma jikkomparax bħala xogħol. Allura meta għandi ftit laħam fil-platt tiġi taqsam mieghi ukoll? U dan tagħmlu meta jien ma nistax niġi anqas biss inħares lejk tiekol? Il-liġi jew tgħodd dejjem għal kulħadd l-istess jew ma tgħodd għal ħadd. U dan li nixtiequ nfehmu lil Gvern. Aħna mhux protezzjoni nippretendu imma li kulħadd ikun jaħdem bl-istess kundizzjonijiet kullimkien.

U dan iwassalna għal konklużjoni waħda. Ma nistgħux nibqgħu naqdfu għal rasna. Is-saħħa qegħdha biss fejn hemm il-għaqda tal-ħsieb, tal-intenzjoni u tal-azzjoni. Għalhekk ġiet imwaqqfu l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex biex tirrappreżenta, biex tgħaqqad vuċi waħda fejn hemm id-diversita', biex tagħti saħħa liċ-ċokon tagħna. L-isfidi jkomplu jqumu minn jum għall-ieħor imma aħna qegħdin hawn biex minn sfidi noħolqu opportunitajiet.

Għeluq

Nistedinkom biex tkomplu ssegwu l-proposti ta' laqgħat innformattivi għal membri li minn żmien għal żmien nagħmlu bħala Kamra tan-Negozju għal

Għawdex. Qabel nagħlaq nixtieq nirringrazzja lic-Ceo Daniel Borg u lil impjegati l-oħra tal-Kamra Joanne, Marlene u Jan Luca tal-ħidma bla waqfien tagħhom. Sena ilu introduċejna lil Daniel magħkom fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li kellna. Illum il-Kamra u intom il-membri qed tgawdu mill-ħidma kontinwa tiegħu. Grazzi Daniel, lilek u lil sħabek.

Nirringrazzja lid-diriġenza ta' l-iskola ta' Barts li laqgħuna hawnhekk il-lejla u għamlu l-preżentazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom. *Thank you for your kind hospitality and for your input during this meeting.* Kif għidt fil-bidu pjaċir tagħna li qegħdin hawn. Nirringrazzja wkoll lis-Sur Gianni Chiannetta li biddel il-programmi tiegħu biex ikun magħna l-lejla. Aktar minn hekk nirringrazzjaħ għax wara diskussjonijiet magħna, f'laqghat li kellna tal-Insuleur, irriloka l-Fundazzjoni *Greening the Islands* hawn Għawdex. Grazzi tal-fiduċja li wera fil-gżira tagħna.

Fl-ahhar nett, nixtieq personalment nirringrazzja lil dawk li kienu qrib tiegħi f'din is-sena u nofs li għamilt President tal-Kamra, lil Kunsill u l-impjegati tal-Kamra. Sena u nofs li nvolvew ħidma mhux biss fil-Kamra tan-Negozju għal Għawdex imma wkoll il-presidenza tal-Insuleur. Ipprovajt naghti l-aħjar tiegħi, bil-limitazzjonijiet kollha li għandi. Għal darb'oħra nirringrazzjakom tal-preżenza tagħkom hawn il-lejla, u nistedinkom ukoll tibqgħu magħna għal ftit mumenti oħra biex nixorbu xi ħaġa flimkien.

Grazzi ta' kollox lil kulħadd.